MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 13/2007/1

**James Demanuele**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrent James Demanuele ghal

dikjarazzjoni li fil-konfront tieghu gew lezi diversi drittijiet fondamentali protetti bil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in konnessjoni mal-proceduri penali inizjati fil-konfront tieghu fl-1 ta' Settembru 2005 u definittivament konkjuzi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-16 ta' Novembru 2006 .

**2.** Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Marzu 2007 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-imsemmi James Demanuele, wara li ghamel brevement referenza ghall-prezentata tieghu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u accenna, aktar brevement, ghal xi stadji ta' dawk il-proceduri, kompla jghid hekk:

**"Illi l-aggravji tal-esponenti huma s-segwenti:-**

**"(1) li gie vjolat fil-konfront tieghu l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem, u dan f'diversi punti.**

**"(2) Illi t-tul taz-zmien u l-kundizzjonijiet imposti b'*bail* kbir kienu leziv** [recte: lezivi] **tad-dritt ta' helsien anzi fattwalment negazzjoni tieghu.**

**"(3) Illi dak li hu msejjah *house arrest* mhux helsien mill-arrest imma hija detenzjoni skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, ghalkemm il-gurisprudenza Maltija tghid li hu kondizzjoni tal-helsien mill-arrest. Il-Qorti Ewropea fl-20 ta' Marzu 2006 fis-sentenza Pekov v. Bulgaria hekk ikkunsidrat.**

**"(4) Illi l-helsien mill-arrest protett mill-Artikolu 5(3) gie manifestament lez bit-tul taz-zmien sakemm intemmu l-proceduri ghaliex gie akbar mill-piena, imqar jekk wiehed ma jikkunsidrax il-*house arrest*, liema *house arrest* ghandu jigi wkoll kalkolat.**

**"(5) Illi hemm ukoll lezjoni ghaliex l-awtoritajiet ma uzawx dik l-i*special diligence* meta hemm persuna detenuta.**

**"(6) Illi inoltre kien hemm ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, ghaliex meta huwa gie biex jikkontesta l-arrest preventiv bhala illegali, ir-rikors tieghu rega' ntbaghat quddiem l-istess Qorti li kien** [recte: kienet] **cahditlu jew taghtu kundizzjonijiet ezorbitanti. Illi dan mhux ir-rimedju previst mill-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, u li minnu l-esponenti ma kellux appell ghaliex l-appell moghti biss lill-Avukat Generali.**

**"(7) Illi t-tul tal-proceduri *taken as a whole* huma lezivi** [recte: huwa leziv] **tad-dritt tieghu protett mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghal *trial within a reasonable time*."**

**3.** Wara li r-rikorrent – illum appellant – espona b'dan il-mod telegrafiku ghall-ahhar f'hiex kienu jikkonsistu l-lamenteli tieghu, huwa ghadda biex talab hekk:

**"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha**

**"(1) Tiddikjara l-*house arrest* li tahtu tqieghed l-esponenti kien arrest u privazzjoni tal-liberta` skond l-artikolu 5(3)[1] tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**"(2) Tiddikjara li kien hemm il-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti u dan bi ksur multiplu tal-Artikolu 5(3), tal-Artikolu 5(4)[2] u tal-Artikolu 6(1)[3] tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 fl-iskeda);**

---

[1] Art: 5(3): "Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."

[2] Art: 5(4): "Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta` tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi."

[3] Art. 6(1): [il-parti relevanti ghal dan il-kaz] "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi…"

**“(3) Taghtih kumpens xieraq ghal-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali tieghu.”**

**4.** B’risposta dettaljata pprezentata fl-10 ta’ April 2007, l-Avukat Generali wiegeb ghal kull wiehed mill-aggravji migjuba fir-rikors promotorju. Bazikament huwa fisser li f’dan il-kaz la kien hemm xi tul irragjonevoli fil-proceduri penali, u lanqas xi lezjoni ohra tal-Artikolu 5(3) minhabba l-kundizzjonijiet tal-*bail* li l-Qorti tal-Magistrati mponiet. Huwa fisser li l-*house arrest* bhala kundizzjoni ghall-helsien mill-arrest preventiv ma kienitx tippekka kontra l-imsemmi Artikolu 5(3), u ddistingwa l-kaz ta’ **Pekov v Bulgaria** mill-kaz prezenti. Kompla jfisser li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, anqas jista’ jinghad li kien hemm xi nuqqas ta’ *special diligence* fil-komportament ta’ l-awtoritajiet koncernati, u dan indipendentement minn jekk wiehed iqisx o meno l-kundizzjoni ta’ *house arrest* bhala li tammonta ghal detenzjoni fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 5 imsemmi. Fl-ahharnett l-imsemmi Avukat Generali fisser li f’dan il-kaz ma kien hemm ukoll ebda lezjoni tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 5 ghax id-decizjoni li biha, ghal xi zmien, ir-rikorrent kien jinsab taht arrest preventiv kienet decizjoni effettivament mehuda minn Qorti, liema Qorti kienet ghalhekk diga` ddecidiet dwar “il-legalita` tad-detenzjoni tieghu”.

**<u>Sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>**

**5.** Kif diga` inghad, b’sentenza moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2007, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrent. In fatti hija pprovdiet hekk:

**“Tiddikjara li r-rabta li r-rikorrent kellu li ma johrogx minn daru (l-hekk imsejjah *house arrest*) kien kundizzjoni minn fost bosta ghall-helsien mill-arrest tieghu u mhux sura ohra ta’ arrest skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;**

**“Tiddikjara li ma sehh l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif mahsuba fl-artikoli 5(3), 5(4) u 6(1) tal-Konvenzjoni fl-ebda wiehed mis-seba’ lmenti mressqa minnu;**

**"Tichad it-tielet talba tar-rikorrent billi din hija konsegwenzjali ghaz-zewg talbiet ta' qabilha; u**

**"Tordna lill-istess rikorrent ihallas l-ispejjez tal-kawza."**

**6.** Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi b'din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed iressaq għadd ta' ilmenti dwar il-proċeduri kriminali li għadda minnhom tul l-2006. Dawn l-ilmenti jinġabru taħt żewġt irjus ewlenin – l-arrest illegali u nuqqas ta' smigħ xieraq. Dwar tal-ewwel, huwa jilminta minn tul ta' żmien u kundizzjonijiet eċċessivi għall-ħelsien tiegħu mill-arrest (liema kundizzjonijiet kienu jammontaw għal ċaħda effettiva minn dak ir-rimedju), mill-fatt li waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest kienet li huwa joqgħod id-dar ("*house arrest*") u li tali kundizzjoni hija efettivament arrest u mhux ħelsien minnu. Dwar tat-tieni, huwa jixli lill-awtoritajiet b'nuqqas ta' tmexxija b'għaqal u b'ħeffa tal-proċeduri kontrih, u kif ukoll b'nuqqas ta' smigħ quddiem qorti imparzjali (għaliex biex jikkontesta l-arrest preventiv bħala wieħed illegali kellu jressaq tali lment quddiem l-istess qorti li kienet għamlitlu dawk l-istess kundizzjonijiet);

"Illi mill-fatti ewlenin li joħorġu miċ-ċirkostanzi tal-kawża jirriżulta li fl-1 ta' Settembru, 2005[4], ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bis-saħħa ta' Mandat ta' Arrest maħruġ fil-31 ta' Awissu, 2005, għall-finijiet tal-artikoli 355V u 355AG tal-Kodiċi Kriminali. Hu kien mixli li għamel ħsara volontarja fi ħwejjeġ ħaddieħor, b'theddid u bi ksur ta' paċi pubblika u kif ukoll li kien reċidiv. F'dik l-ewwel dehra, li ssejħet wara talba magħmula b'rikors dak inhar stess mill-Prosekuzzjoni biex il-Qorti jinfetaħ b'urġenza wara l-ħin, ir-rikorrent wieġeb li ma kienx ħati, ta l-kunsens tiegħu li l-każ ikun trattat bil-proċedura sommarja u talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti irriżervat li tipprovdi dwar it-

[4] Paġġ. 41-2 tal-proċess

talba 'l quddiem wara li tisma' x-xhieda ta' waħda mill-kwerelanti[5];

"Illi x-xhieda ngħatat waqt smigħ li sar quddiem dik il-Qorti fid-9 ta' Settembru, 2005[6], f'liema data l-Qorti tal-Maġistrati (diversament presjeduta) laqgħet it-talba tar-rikorrent għal-liberta` provviżorja. Fl-imsemmi degriet, fost l-oħrajn, il-Qorti imponiet kundizzjoni li r-rikorrent imputat jiddepożita s-somma ta' għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000), minbarra garanzija personali fis-somma ta' għaxart elef lira maltin (Lm 10,000), u li ma joħroġx mid-dar tal-ġenituri tiegħu f'numru 27 (7?), "Dar ir-Redentur", Triq George Caruana, Ħal Tarxien[7];

"Illi sar smigħ ieħor fit-23 ta' Settembru, 2005, li matulu tressqet xhieda oħra min-naħa tal-Prosekuzzjoni u dak inhar stess il-Maġistrat inkwirenti iddekretat li kien hemm elementi biżżejjed biex ir-rikorrent jitqiegħed taħt att ta' akkuża u bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali[8];

"Illi fid-9 ta' Novembru, 2005[9], ir-rikorrent reġa' tressaq quddiem dik il-Qorti u l-Prosekuzzjoni żiedet xi akkużi oħrajn fil-konfront tiegħu. B'rikors imressaq minnu erbat ijiem qabel dak is-smigħ[10], ir-rikorrent reġa' talab li jingħata l-ħelsien effettiv mill-arrest u dan billi titneħħa l-kundizzjoni tad-depożitu li l-Qorti kienet għamlitlu fl-okkażjoni meta ikkonċedietlu l-ħelsien mill-arrest. L-intimat ma kienx oppona għat-talba, imma talab li l-Qorti tobbliga lir-rikorrent li jressaq garanzija xierqa minn terza persuna u mhux il-garanzija personali tiegħu[11]. B'degriet tad-9 ta' Novembru, 2005[12], dik il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent billi ordnat li "d-depożitu impost jista' jiġi provdut minn terz idoneu". Ir-rikorrent reġa' ressaq rikors jumejn wara[13] biex dik il-Qorti tibdel id-degriet tagħha għaliex dak id-degriet ma kienx neħħa l-kundizzjoni tad-depożitu, kif kien talabha, u biex minflok, tagħti kull provvediment ieħor

---

[5] Paġ. 43 tal-proċess
[6] Paġġ. 48 sa 54 tal-proċess
[7] Paġ. 144 tal-Att tal-Akkuża
[8] Paġ. 61 tal-proċess
[9] Paġ. 62 tal-proċess
[10] Paġ. 67 tal-proċess
[11] Paġ. 69 tal-proċess
[12] Paġ. 70 tal-proċess
[13] Paġ. 71 tal-proċess

taħt l-artikolu 577 tal-Kodiċi Kriminali. B'degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2005[14], dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent;

"Illi r-rikorrent reġa' ressaq rikors ieħor fit-18 ta' Novembru, 2005[15], taħt l-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali biex jitlob li l-Qorti tal-Maġistrati tipprovdi dwar il-legalita` tal-arrest tiegħu. Jidher li, b'degriet mogħti dak inhar stess wara li tressqet Tweġiba min-naħa tal-intimat, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba tar-rikorrent u iddikjarat li l-arrest kien wieħed legali. Iżda fit-28 ta' Novembru, 2005, l-intimat ressaq rikors biex jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li, skond l-imsemmi artikolu 412B, il-Qorti riedet issejjaħ smigħ qabel tipprovdi dwar talba bħal dik, u għalhekk talabha tħassar "*contrario imperio*" d-degriet kamerali tagħha u tordna li ssir it-trattazzjoni quddiemha. Dik il-Qorti laqgħet it-talba, ħassret id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, u appuntat is-smigħ għall-għada. B'degriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2005[16], u wara s-smigħ dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent u ikkonfermat id-degrieti tagħha ta' qabel li d-detenzjoni tar-rikorrent kienet waħda legali;

"Illi b'degriet mogħti fid-19 ta' Diċembru, 2005, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-għoti ta' kundizzjonijiet ġodda tal-ħelsien mill-arrest billi, filwaqt li żammet sħiħa l-kundizzjoni tad-depożitu, naqqset l-ammont minn għaxart elef lira (Lm 10,000) għal mitejn u ħamsin lira (Lm 250), u għolliet l-ammont tal-garanzija personali għal għoxrin elf lira Malin (Lm 20,000). Ir-rikorrent għamel id-depożitu (sewwasew sar minn missieru) fil-21 ta' Diċembru, 2005, u nħeles mill-arrest;

"Illi waqt is-smigħ tat-13 ta' Frar, 2006, l-avukat difensur tar-rikorrent reġa' f'ismu talab li jitneħħielu l-obbligu li ma joħroġx mid-dar u biex "minflok jiġu imposti kundizzjonijiet oħra biex hu jkun jista' jfittex xogħol u jaħdem". B'degriet tat-13 ta' Frar, 2006, it-talba ma ntlaqgħetx. Imma, b'degriet ieħor tal-istess Qorti mogħti dak inhar ukoll (din

[14] Paġ. 74 tal-proċess
[15] Paġġ. 77-8 tal-proċess
[16] Paġ. 82 tal-proċess

id-darba fuq talba tal-Prosekuzzjoni fid-dawl ta’ xi provvedimenti mogħtijin mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja dwar jeddijiet ta’ aċċess tar-rikorrent għal bintu), ir-rikorrent kien awtorizzat biex, fil-jiem u l-ħinijiet tal-aċċess u b’nofs siegħa qabel u nofs siegħa wara dawk il-ħinijiet, ikun jista’ jħalli d-dar “akkumpanjat minn uffiċjal tal-Pulizija .... (u) wara dan, għandu jerġa’ jirritorna lura d-dar taħt l-istess akkompanjament tal-uffiċjal tal-Pulizija”;

“Illi b’rikors imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-21 ta’ Frar, 2006, il-Qorti tal-Maġistrati ntalbet biex hu jitressaq b’urġenza quddiemha ħalli jwieġeb għax-xilja li kien kiser kundizzjoni tal-liberta` provviżorja. Il-Qorti sejħet smigħ dak inhar stess. Matul dak is-smigħ, l-avukat tar-rikorrent qanqal kwestjoni kostituzzjonali u talab lil dik il-Qorti tagħmel Riferenza għall-finijiet tal-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta dwar allegat ksur tal-artikoli 5(4) u 13 tal-Konvenzjoni. Ma jidhirx li dik il-Qorti tat xi provvediment dwar dik it-talba;

“Illi l-Prosekuzzjoni ressqet żewġ rikorsi oħra biex titlob ir-ri-arrest tar-rikorrent minħabba allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provviżorja. L-ewwel rikors tressaq fit-13 ta’ April, 2006, imma l-Qorti ċaħditu b’degriet tat-18 ta’ April, 2006, wara li semgħet lill-partijiet u qieset it-Tweġiba li ressaq ir-rikorrent dak inhar[17]. It-tieni wieħed tressaq fl-24 ta’ April, 2006, b’riferenza għal episodju ieħor li nqala’ ftit jiem qabel. Waqt is-smigħ tal-kawża fit-3 ta’ Mejju, 2006, ir-rikorrent kien iddikjara personalment li temporanjament ma kienx ser jużufruwixxi aktar mid-degriet mogħti fit-13 ta’ Frar, 2006, fejn kien awtorizzat jaċċedi għal bintu taħt skorta mill-Pulizija. Fit-8 ta’ Mejju, 2006, b’degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati dwar iż-żewġ rikorsi tal-Prosekuzzjoni tal-21 ta’ Frar, 2006, u tal-24 ta’ April, 2006, r-rikorrent reġa’ ġie arrestat għall-finijiet tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali wara dik il-Qorti sabet li hu kien fil-fatt kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provviżorja;

“Illi fis-7 ta’ Lulju, 2006, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi

[17] Paġ. 84 tal-proċess

mressqin kontrih u ikkundannatu għal piena ta' tmintax-il xahar ħabs, rabtitu b'garanzija li ma jimmolestax lill-kwerelanti għal żmien sena u issospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal żmien sentejn. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza fl-14 ta' Lulju, 2006[18]. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru, 2006[19], l-appell tar-rikorrent intlaqa' f'parti minnu u l-Qorti tal-Appell Kriminali naqqset il-piena li r-rikorrent kien ingħata mill-ewwel Qorti billi ikkundannatu għall-piena ta' ħabs ta' sena, xahar u ħmistax-il jum li "minnhom ikun irid jitnaqqas kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma' dan il-każ" u kif ukoll li ż-żmien tal-garanzija kellu jibda jgħaddi minn dak inhar filwaqt li ż-żmien tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan kellu jibda jgħaddi minn nofs il-lejl. Ir-rikorrent effettivament inħeles dak inhar li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, għaliex iż-żmien tal-piena mogħtija kien anqas miż-żmien kollu li r-rikorrent kien inżamm taħt arrest preventiv. Fis-16 ta' Marzu, 2007, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi f'dan il-waqt, il-Qorti jidhrilha li għandha tosserva li l-mod kif tressqu l-provi fattwali dwar il-ġrajjiet li minnhom ir-rikorrent jislet l-ilmenti tiegħu kien wieħed ta' nofs kedda u mhux sħiħ. Ir-rikorrent innifsu kien qal li kien għad fadallu dokumenti oħrajn xi jressaq, imma ma wasal qatt biex jagħmel dan. Min-naħa tiegħu, l-intimat aċċetta l-awtentiċita` ta' dawk il-provi u ħalla kollox hemm. Dan tellef ħafna ħin lill-Qorti biex tkun tista' tapprezza l-qafas tal-ġrajjiet li dwarhom ir-rikorrent bena din il-kawża tiegħu. Il-Qorti ntebħet li dawk il-provi li ressaq ir-rikorrent man-Nota tiegħu waqt is-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2007, ittieħdu kollha mill-proċess tal-kawża kriminali li għadda minnha. Il-Qorti għalhekk ma tistax tifhem għaliex l-istess rikorrent kien selettiv fl-għażla ta' dawn il-provi, ladarba l-proċess jidher li kien f'idejh, u għaliex naqas li jressaq provi fattwali essenzjali – bħal, per eżempju, d-degriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest u oħrajn li varjawh – li bihom din il-Qorti kienet tkun f'qagħda wisq aħjar li tapprezza n-natura tal-ilmenti tiegħu u l-qafas kronoloġiku li fih seħħew il-ġrajja kollha;

[18] Paġġ. 89-90 tal-proċess
[19] Appell Nru. 254/06JGD

"Illi l-Qorti sejra issa tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-ilmenti tar-rikorrent fl-ordni li huwa ressaqhom;

"Illi qabel xejn il-Qorti tħoss li jixraq tosserva li għalkemm ir-rikorrent iressaq bosta lmenti dwar allegati ksur ta' jeddijiet fondamentali taħt l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni, jidher li l-għan ewlieni tiegħu huwa dak li jiffoka fuq il-kwestjoni dwar jekk l-obbligu li ma joħroġx mid-dar bħala waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ngħata l-liberta` provviżorja jikkostitwixi, bħala fatt, għamla oħra ta' arrest u mhux sempliċi kundizzjoni għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest. Jekk it-tweġiba għal din il-kwestjoni tkun affermattiva, r-rikorrent allura jgħid li dak il-"*house arrest*" kien jikkostitwixxi arrest illegali għaliex inżamm f'dik il-qagħda għal żmien itwal minn dak li kien jeħel kieku nstab ħati tal-akkużi mressqa kontrih;

"Illi bħala kunsiderazzjoni ġenerali, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-ħelsien fiżiku ta' kull individwu mill-għemejjel arbitrarji tal-istat li bihom jindaħal f'dan il-jedd[20]. Imma l-jedd tal-liberta fiżika m'huwiex wieħed assolut. "*It must give way where vital community interests are at stake. Accordingly, a person may be deprived of his or her liberty, but only if the exercise of powers of arrest and detention by state authorities is governed by due process of law and consistent with recognised standards. ... The deprivation of liberty can be distinguished from the 'control of movement' or 'restriction of movement' which is governed by Article 2 of Protocol 4 to the Convention*"[21];

"Illi, fil-qosor, jista' jingħad li biex iċ-ċaħda tal-liberta` personali ma tkunx tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li (a) dik iċ-ċaħda tkun imwettqa skond proċedura stabilita b'liġi, u (b) li ż-żamma jew arrest ikunu legalment ġustifikati sakemm (ċ) tkun tgħodd

[20] QEDB **6.11.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Guzzardi vs Italja*** (Applik. Nru. 7367/76) par. 92, fost l-oħrajn
[21] Clayton & Tomlinson *The Law of Human Rights* (2002) par 10.82 u 10.86, paġġ. 478 u 480

dwarha mqar waħda mis-sitt raġunijiet maħsuba fl-artikolu 5(1);

"Illi bħala **l-ewwel aggravju** r-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni "u dan f'diversi punti". L-imsemmi artikolu tal-liġi jipprovdi li "*Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri*";

"Illi l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni huwa wieħed minn sitt ċirkostanzi li l-istess artikolu jqis bħala arrest jew detenzjoni ta' persuna bħala eċċezzjoni għall-jedd li ħadd ma jkun imċaħħad mil-liberta` tiegħu innifsu u sakemm tali arrest jew żamma jkunu skond proċedura preskritta bil-liġi. B'dan wieħed jifhem li tali proċedura trid tkun (a) kif preskritta mil-liġi nazzjonali applikabbli, imqabbla ma' dak li tippreskrivi l-Konvenzjoni nnifisha (magħdudin il-prinċipji ġenerali li l-istess Konvenzjoni tħaddan f'dan ir-rigward) u (b) li ma tkunx proċedura arbitrarja[22]. Minbarra dan, il-Konvenzjoni tisħaq ukoll li f'kull waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 5(1) l-arrest jew iż-żamma jkun wieħed "legali", mifhum fl-istess termini li għadhom kemm issemmew;

"Illi l-imsemmi artikolu 5(1)(ċ) jikkontempla każ ta' "*arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat*";

"Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta` tal-persuna huma kollha

[22] QEDB **24.10.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Winterwerp vs L-Olanda*** (Applik. Nru. 6301/73) par 45

"kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[23], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita`;

"Illi l-kwestjoni li għandha quddiemha din il-Qorti fil-każ tal-lum tqanqal il-mistoqsija jekk kemm-il darba, ladarba r-rikorrent ingħata l-liberta` provviżorja (u b'effett minn dak il-ħin), jibqax japplika għalih l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Ladarba persuna effettivament tinħeles mal-għoti tad-degriet tal-ħelsien mill-arrest ma jidhirx li wieħed jista' jibqa' jgħid li dik il-persuna għadha arrestata jew miżmuma. Għalhekk, li kieku l-persuna li tingħata l-ħelsien mill-arrest tkun f'qagħda li twettaq il-kundizzjonijiet ta' tali ħelsien, ma jkunx għad hemm fil-konfront tagħha stat ta' arrest jew detenzjoni kif mifhum fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

"Illi minn din il-konsiderazzjoni jitnisslu żewġ ħsibijiet. L-ewwel wieħed hu li l-liberta` provviżorja m'hijiex ħelsien assolut imma wieħed kondizzjonat. Għalhekk, kif ġeneralment jiġri, persuna li tingħata l-liberta` provviżorja minn Qorti trid toqgħod għal numru ta' kundizzjonijiet ilkoll maħsuba biex jiżguraw li dik il-persuna tidher quddiem il-Qorti meta jmissha u li ma tagħmel xejn li bih tista' ddennes il-każ tagħha jew twettaq reat sakemm tkun għadha hekk marbuta. Kemm hu hekk, huwa awtorevolment stabilit li "*wherever conditional bail would be a satisfactory solution, it is to be preferred to a custodial remand – a point particularly relevant where the risk of absconding is the primary reason for continued detention. Permissible conditions of bail under article 5(3) include a requirement to surrender travel documents and driving documents, the imposition of a residence requirement, and the provision of a sum of money as a*

[23] Art. 6(2)

*surety or security*"[24]. It-tieni wieħed hu li l-kundizzjonijiet tal-liberta` provviżorja jridu jkunu tali li l-persuna li għaliha japplikaw tkun f'qagħda li twettaqhom u ma jkunux isarrfu f'"arrest" taħt sura oħra;

"Illi l-ilmenti ewlenin tar-rikorrent jinbnew madwar dan it-tieni ħsieb. Huwa jgħid li l-kundizzjonijiet tad-depożitu u li ma joħroġx mid-dar magħmulin mill-Qorti fid-degriet tagħha tad-9 ta' Settembru, 2005, li bih ħelsitu mill-arrest kienu, effettivament, ċaħda tal-ħelsien mill-arrest;

"Illi, minn dan kollu joħroġ li biex jitqies jekk l-ewwel ilment tar-rikorrent huwiex mistħoqq, iridu tabilfors jitqiesu wieħed wieħed l-ilmenti l-oħrajn;

"Illi dwar **it-tieni lment tar-rikorrent** irid jingħad li l-liġi nnifisha tipprospetta l-jedd ta' kull imputat jew akkużat li jingħata l-ħelsien mill-arrest, fuq talba tiegħu meta jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xierqa li timponi[25], fosthom l-għoti ta' garanzija[26]. L-ammont tal-garanzija għandu dejjem ikun fil-limiti stabiliti mil-liġi[27], skond il-kundizzjonijiet tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita' tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun suġġett[28]. Il-garanzija ssir jew billi jinġieb pleġġ tajjeb li jintrabat bil-miktub li jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni tal-akkużat jew imputat li jkun[29], jew billi jsir depożitu tas-somma tal-garanzija jew it-tressiq ta' rahan li jiswa daqs is-somma, jew ukoll bl-obbligazzjoni personali waħedha tal-imputat[30]. Il-liġi taħseb ukoll għall-każ fejn imputati mixlija b'reat li jaqbżu l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jistgħu jingħataw il-ħelsien mill-arrest mingħajr garanzija jekk kemm-il darba ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-Avukat Ġenerali għal talba f'dan is-sens u fejn l-istess imputati huma fqar u nies ta' morali tajba[31];

---

[24] Emmerson & Ashworth *Human Rights and Criminal Justice* (Sweet & Maxwell, 2001), par 13-21, paġġ. 324-5
[25] Art. 574(1) tal-Kap 9
[26] Art. 574A(7) tal-Kap 9
[27] Art. 584 tal-Kap 9
[28] Art. 576 tal-Kap 9
[29] Art. 577(1) tal-Kap 9
[30] Art. 577(2) tal-Kap 9
[31] Art. 577(4) tal-Kap 9

"Illi l-qofol kollu tal-ħelsien mill-arrest huwa dak li jħares il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuna mixlija[32] u fl-istess waqt jagħmel tajjeb għall-possibilita` li l-każ kontra l-persuna miżmuma jieħu ż-żmien xieraq tiegħu mingħajr ma jxekkel aktar minn kemm meħtieġ il-jedd tal-istess persuna għal-liberta` tagħha. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-għan tal-ħelsien mill-arrest ikun prinċipalment – iżda mhux bilfors esklussivament – dak li jiżgura li l-persuna meħlusa ma tonqosx li tidher fil-każ tagħha kull meta tissejjaħ għal dan. Għalhekk, Qorti għandha tagħti l-ħelsien mill-arrest biss fejn tkun soddisfatta li l-preżenza tal-persuna mixlija fil-proċeduri kontra tagħha tkun garantita[33];

"Illi dan iġib li l-garanzija li l-Qorti tordna bħala kundizzjoni biex jingħata l-ħelsien mill-arrest m'għandhiex isservi bħala xi għamla ta' kumpens għad-dannu mwettaq bir-reat[34]. Fuq kollox, l-ammont tal-garanzija għandu jkun raġonevoli, fis-sens li għandu jservi sewwa – imma mhux aktar milli meħtieġ – biex jiżgura li l-persuna mixlija ma tonqosx milli tidher għall-kawża tagħha u ma titħajjarx li tgħib, twettaq reat ieħor jew taħrab[35]. Għalhekk, fejn l-ammont tal-garanzija jisboq dan l-għan, jista' ikun hemm lok għall-ksur tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni[36];

"Illi huwa wkoll stabilit li l-obbligu li l-imputat jitressaq u jiġi proċessat fi żmien raġonevoli mhuwiex għażla minflok jingħata l-ħelsien mill-arrest[37]. Dan għaliex il-ħelsien mill-arrest huwa obbligu li xorta waħda jrid jitqies jekk kemm-il darba jinġiebu garanziji biżżejjed li bihom tonqos il-biżgħa li l-imputat ma jaħrabx;

"Illi ta' min jgħid iżda li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jistgħu jitqanqlu biss fil-qafas ta' arrest li

---

32 Art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(2) tal-Konvenzjoni

33 Kost. **4.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.i.1**)

34 QEDB **27.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Neumeister vs Awstrija*** (Applik. Nru. 1936/63) par 13-4

35 Jacobs _The European Convention on Human Rights_, paġ. 71

36 Harris, O'Boyle & Warbrick _Law of the European Convention on Human Rights_ (1995), paġ. 143

37 QEDB **27.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Wemhoff vs ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru. 2216/64) par. A5 sa A7

għalihom japplika l-artikolu 5(1)(ċ) u mhux wieħed li għalih japplika l-artikolu 5(1)(b)[38], u dan billi wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn arrest preventiv u "privazzjoni tal-liberta` personali in segwitu għal kundanna minn Qorti"[39];

"Illi huwa meħtieġ li wieħed jiftakar li l-Konvenzjoni tagħmel distinzjoni netta wkoll dwar l-oriġni tad-detenzjoni ta' persuna. Huwa minħabba f'hekk li jrid jingħad li s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi tal-għoti, ċ-ċaħda jew ir-revoka tal-liberta` proviżorja hija waħda limitata fis-sens li m'għandhiex tindaħal f'dawk l-aspetti li bir-rieda espressa tal-liġi jaqgħu fis-setgħa mħollija f'idejn qrati oħrajn. B'hekk jiġi li l-kompetenza ta' Qorti Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħha hija limitata li tiżgura li d-dritt fondamentali tal-akkużat għall-ħelsien mill-arrest preventiv (sakemm għadhom għaddejjin proċeduri kriminali kontrih) ikun imħares u miżmum fil-limiti stabiliti mill-istess Konvenzjoni. Dan isir billi jiġi assikurat li Qorti kompetenti li tqis talba għall-ħelsien mill-arrest preventiv (kemm sakemm jew jekk tilqa' tali talba, kemm jekk tiċħadha) tkun għamlet dan b'applikazzjoni u rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali jew konvenzjonali. U din il-Qorti m'għandhiex tindaħal aktar fl-operat ta' Qorti bħal dik sakemm ma jkunx jidher "eċċess manifest fl-applikazzjoni" tagħha ta' dawk il-prinċipji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali. B'mod partikolari, ir-raġonevolezza tal-ammont tal-garanzija li jkun determinat minn dik il-Qorti li tkun tat l-ordni għall-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet fih stipulati m'għandhiex bħala regola tiġi mistħarrġa u sindakata minn Qorti ta' kompetenza ċivili jew "kostituzzjonali". "Tista' eċċezzjonalment tkun minnha sindakabbli jekk jirriżulta li l-*quantum* hu manifestament irraġonevoli u irraġġunġibbli b'mod li d-dritt tal-akkużat li jitlob il-ħelsien proviżorju jkun ġie għal kollox newtralizżat fil-prattika, jekk mhux fit-tejorija"[40];

---

[38] App. Kost. **26.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs L-Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol:**LXXVII.i.95**)
[39] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Direttur tal-Ħabs et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.119**)
[40] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.140**)

"Illi huwa stabilit li meta Qorti tiġi biex tqis jekk għandhiex teħles persuna mill-arrest, hija għandha tħares lejn dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu biex jiġi ffissat l-ammont xieraq tal-garanzija li dik il-persuna trid tagħti biex tkun tista' tinħeles. Għalhekk, meta l-liġi[41] ssemmi bħala waħda mill-kriterji "il-kundizzjoni tal-imputat", mhijiex qegħda tfisser biss il-qagħda finanzjarja tiegħu. Jeħtieġ, għalhekk, li Qorti tqis kemm kriterji oġġettivi (marbuta max-xorta u l-għamla tar-reat u l-piena tiegħu)[42] u kif ukoll dawk suġġettivi li jintrabtu mal-kundizzjoni tal-imputat (magħduda magħha, per eżempju, l-qagħda soċjali tiegħu, id-dipendenza tiegħu fuq ħaddieħor, u x-xogħol tiegħu jekk ikun il-każ)[43]. Minbarra dan, tqies ukoll li meta l-Qorti tiffissa garanziji f'somom ta' flus, hija trid tħares lejn il-meżżi finanzjarji tal-imputat u kif ukoll ta' dawk il-persuni li qegħdin joffru li jgħinuh billi jidħlu garanti, b'mod li eqreb ma jkunu dawk il-persuni mal-imputat, aktar tkun tiswa l-garanzija billi l-imputat iħossu aktar obbligat li jħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien tiegħu mill-arrest[44];

"Illi din il-Qorti tqis li fi kwestjoni ta' ħelsien mill-arrest, il-prinċipju tal-liberta` tal-persuna huwa r-regola u li l-arrest jew iż-żamma tagħha għandu jitqies bħala eċċezzjoni[45]. Il-preżunzjoni hija favur il-liberta` tal-persuna u r-rikorrent ma għandu għalfejn jipprova xejn aktar mill-fatt li huwa nżamm miżmum taħt arrest u li huwa kien imċaħħad mill-ħelsien minn dak l-arrest. Huwa l-intimat li għandu l-piż tal-prova li jikkonvinċi lill-Qorti li kienu jirrikorru l-estremi li jiġġustifikaw li ma tingħatax il-liberta` provviżorja[46]. Minbarra dan, fi żminijiet mill-aktar qrib, ingħatat mill-ogħla Qorti tagħna dimensjoni u tifsira aġġornata għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-liberta` proviżorja. Dan fis-sens li jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li, f'kull waqt li persuna akkużata

[41] Art. 576 tal-Kap 9
[42] Art. 584 tal-Kap 9
[43] Kost **10.7.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.127**)
[44] P.A. Kost. GC **1.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pollacco vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata)
[45] App. Kost. **15.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et vs Aġent Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.84)**
[46] P.A. Kost GV **14.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)

b'reat tinżamm arrestata, flimkien mar-raġonevolezza tas-suspett li dik il-persuna wettqet tali reat, irid jintwera wkoll li hemm raġunijiet ta' interess pubbliku rilevanti u suffiċenti biżżejjed biex jiġġustifikaw iżjed indħil fid-dritt tal-ħelsien personali ta' dik il-persuna[47];

"Illi taħt dan l-ilment, ir-rikorrent isemmi żewġ ċirkostanzi li bihom huwa jgħid li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu. Huwa jsemmi t-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet imposti li minħabba fihom seħħet "fattwalment negazzjoni" ta' dak il-jedd. Biex tali lment ikun mistħarreġ kif imiss, ikun xieraq li wieħed jerġa' jara kif seħħew il-fatti;

"Illi fil-każ preżenti, l-Qorti kienet imponiet fuq ir-rikorrent ħlas ta' depożitu ta' Lm 10,000 minbarra garanzija personali ta' Lm 10,000 oħrajn. Meta r-rikorrent kien ilminta li ma kellux minn fejn iressaq somma kbira bħal dik, il-Qorti kienet bidlet id-degriet tagħha fis-sens li talbitu jressaq depożitu permezz ta' terza persuna. Meta hawn ukoll ir-rikorrent wera li ma kienx se' jasal, il-Qorti kienet bidlet il-kundizzjoni u baxxietha għal depożitu ta' Lm 250 u għolliet is-somma tal-garanzija personali billi rduppjatha. F'kull okkażjoni matul dan il-proċess, il-Qorti tal-Maġistrati kienet semgħet lill-partijiet u l-provi li kellhom iressqu u mxiet mal-prinċipju fuq imsemmi, filwaqt li fissret il-premuri tagħha li wassluha biex timponi dawk il-kundizzjonijiet. Dan il-proċess dam għaddej tliet xhur u għaxart ijiem. Filwaqt li minn dan kollu jirriżulta li l-kundizzjonijiet magħmulin oriġinarjament għall-għoti tal-liberta` provviżorja lir-rikorrent setgħu kienu lil hinn mill-possibilita` li jkun jista' jwettaqhom, jibqa' wkoll il-fatt li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji li nqeda bihom biex, eventwalment, ingħata tali ħelsien u li r-rikorrent kellu aċċess sħiħ għall-Qorti biex ikun jista' jikseb tali ħelsien. Huwa fil-fatt kiseb tali ħelsien u baqa' jgawdih sakemm, b'għamilu stess, tilfu matul iż-żmien li l-kawża tiegħu kienet għadha qegħda tinstema'. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jgħid li t-tħassib li kienet uriet il-Qorti tal-Maġistrati dwar ir-rikorrent qabel ma bidlet ċerti

[47] App. Kost. **22.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.392**)

kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma kienx għal kollox barra minn postu;

"Illi fil-fehma tal-Qorti il-fatt li tali ħelsien ma nkisibx minnufih imma wara li l-Qorti tal-Maġistrati riedet taċċerta ruħha li r-rikorrent ma kienx sejjer lura minn kelmtu dwar il-kundizzjonijiet imposti fuqu ma jġibx b'hekk li seħħ ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex it-tliet kundizzjonijiet li jitlob dak l-artikolu – jiġifieri li l-persuna mixlija titressaq bla dewmien quddiem imħallef "jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja", li jingħata l-ħelsien waqt il-pendenza tal-proċeduri u li l-arrest tiegħu kien imsejjes fuq suspett raġonevoli li huwa kien wettaq reat – kollha rriżultaw applikabbli għall-każ tiegħu, u kollha seħħew fi żmien raġonevoli kif irid dak l-artikolu. Din il-konsiderazzjoni tgħodd kemm għal dik il-parti tal-ilment li jitkellem dwar id-dewmien taż-żmien biex ingħatat il-liberta` mill-arrest u kif ukoll dik dwar l-ebusija tal-kundizzjonijiet li l-Qorti tal-maġistrati dehrilha li kellha timponi;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni lment tar-rikorrent ma jistax jintlaqa';

"Illi dwar **it-tielet ilment tar-rikorrent** relattiv għall-"*house arrest*" jibda biex jingħad li l-liġi tagħna ma tipprovdix espressament għall-arrest fid-dar ta' dak li jkun. Jidher li l-"*house arrest*" kif applikat mill-Qrati tagħna huwa arranġament magħmul fil-kuntest tal-għoti tal-liberta` provviżorja u bħala waħda mill-kundizjonijiet marbuta mal-għoti ta' dik il-liberta`[48]. Fil-bidu, kien hemm il-prattika li timponi lill-imputat hekk meħlus li ma jibqax barra minn daru f'ċerti ħinijiet, iżda wara jidher li saret estensjoni tal-kundizzjoni billi żżomm lill-imputat milli joħroġ minn daru f'kull ħin jekk mhux b'awtorizzazzjoni speċifika tal-Qorti li tkun tagħtu l-ħelsien mill-arrest;

"Illi l-Qrati tagħna jidher li jqisu l-kundizzjoni tal-"*house arrest*" bħala kundizzjoni tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest u mhux bħala sura partikolari ta' żamma jew detenzjoni tal-

[48] Art. 574A(7) tal-Kap 9

imputat[49]. Dan ukoll huwa l-argument tal-intimat f'din il-kawża. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent irid li r-rabta imposta fuqu li huwa ma joħroġx mid-dar tiegħu imissha titqies bħala kundizzjoni ta' non-liberta` u mhux bħala waħda ta' ħelsien mill-arrest b'kundizzjoni;

"Illi r-rikorrent jsejjes l-argument tiegħu fuq fehmiet espressi mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar iż-żamma taħt arrest fi djarhom ta' persuni akkużati jew suspettati bi twettiq ta' reati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. F'dawn is-sentenzi jingħad b'mod ċar li l-arrest domiċiljari li għalih kienu suġġetti l-applikanti partikolari "*constituted deprivation of liberty within the meaning of article 5*"[50] tal-Konvenzjoni. Din ix-xejra ta' ħsieb baqgħet tintwera wkoll f'każi maqtugħa fl-aħħar żminijiet[51]. Madankollu, f'kawża oħra[52], filwaqt li tenniet li kemm l-arrest preventiv u kif ukoll il-"*house arrest*" kienu jammontaw għaċ-ċaħda tal-ħelsien għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ), dik il-Qorti għamlitha ċara li kellha tagħraf bejn il-wieħed u l-oħra billi "*the same cannot be said of replacing detention in prison with house arrest because this entails a change in the nature of the place of detention from a public institution to a private home. Unlike house arrest, detention in prison requires integration of the individual into an overall organization, sharing of activities and resources with other inmates, and strict supervision of the authorities of the main aspects of his day-to-day life*.";

"Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tiċċara li fil-każijiet kollha li fuqhom jistrieħ ir-rikorrent, l-arrest domiċijari kien miżura ta' arrest effettiv, maħsub f'dispożizzjoni espressa tal-liġi nazzjonali u ma kienx riżultat ta' kundizzjoni ta' liberta` provviżorja. Kemm hu hekk, fil-każ ta' ***Nikolova***, jirriżulta

---

[49] Ara per eżempju, App. Krim. Inf. DS **26.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Johann Sultana et*** fejn dik il-Qorti fissret bħala "*misnomer*" it-termini "*house arrest*" kif imħaddma mill-Qrati fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest

[50] QEDB **11.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***N.C. vs Italja*** (Applik. Nru. 24952/94), par. 33 u **30.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Nikolova vs Bulgarija (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 40896/98), par. 60, fost oħrajn.

[51] QEDB **30.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Pekov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 50358/99), f'par. 73

[52] QEDB **2.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mancini vs Italja*** (Applik. Nru. 44955/98), f'par. 19

b'mod ċar li l-ordni li hija tinżamm arrestata f'darha kien sura oħra ta' arrest u dan qabel ma hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest ("*bail*"). Ladarba ngħatat il-liberta` provviżorja, il-Qorti lanqas biss qieset aktar il-kwestjoni taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-"*house arrest*" kif imħaddem mill-Qrati tagħna fil-kompetenza kriminali tagħhom kellu jitqies bħala sura ta' arrest jew detenzjoni, allura x'aktarx jista' jingħad li dejjem ikun illegali u bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni minħabba li jkun jonqos fih l-element tal-"proċedura preskritta bil-liġi" li jrid l-istess artikolu biex arrest ikun skond il-liġi, ladarba l-liġi tagħna ma tippreskrivix espressament il-possibilita` ta' arrest bħal dan. Min-naħa l-oħra, diġa' rajna kif, fi kliem l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, il-ħelsien waqt il-pendenza tal-proċeduri jista' jkun kundizzjonat b'garanziji biex il-persuna hekk meħlusa tidher għall-proċeduri. Dan ifisser, għalhekk, illi l-prattika tal-imposizzjoni tal-"*house arrest*" mill-Qrati ta' kompetenza kriminali għandha titqies bħala kundizzjoni marbuta ma' dak il-ħelsien kundizzjonat u mhux xort'oħra;

"Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad illi b'"detenzjoni" jew "arrest" legali fis-sistema tagħna wieħed jifhem iż-żamma ta' persuna f'ħabs, faċilita` korrettiva jew post ieħor li jitqies bħala ħabs għall-finijiet tal-liġi[53]. Id-dar ta' abitazzjoni ta' persuna ma taqax f'tifsira bħal din, sakemm il-Ministru ma jordnax hekk speċifikatament fil-Gażżetta tal-Gvern[54];

"Illi huwa minnu li jista' jingħad li, fil-każ tar-rikorrent, il-kundizzjoni imposta mill-Qorti tal-Maġistrati li, sabiex ikun jista' joħroġ minn daru ħalli jmur jara 'l bintu, kellu jmur taħt skorta minn uffiċjal tal-Pulizija kienet turi li dan tassew kien baqa' miżmum arrestat f'daru. Il-Qorti tqis, iżda, li dik il-kundizzjoni kienet immirata iżjed biex toffri ħarsien lill-minuri nnifisha u lil ommha li, fil-każ li kellu r-rikorrent, kienet il-persuna li allegatament kienet il-vittma tar-reat li r-rikorrent kien mixli bih;

---

[53] L-Att IX tal-1976 (Kap 260)
[54] Art. 3 tal-Kap 260

"Illi għalhekk, meta jinġabru dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rabta li r-rikorrent ingħata biex ma joħroġx minn daru ma kinitx sura oħra ta' arrest jew żamma pendenti l-proċeduri kontrih, imma għall-kuntrarju kienet kundizzjoni minn fost oħrajn tal-ħelsien mill-arrest li kien ingħata, b'mod illi mat-twettiq tagħha u sakemm damet isseħħ ma baqax jgħodd iżjed dwarha l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

"Illi **r-raba' lment tar-rikorrent** huwa fis-sens li seħħ dewmien fl-għoti lilu tal-ħelsien mill-arrest b'mod tali li l-piena li spiċċa ngħata mas-sentenza kienet għal żmien aqsar minn kemm kien dam arrestat, ukoll jekk wieħed ma jqisx bħala arrest iż-żmien tal-"*house arrest*" tiegħu. Hawnhekk jeħtieġ li wieħed jerġa' jqis il-fatti. Ir-rikorrent tressaq b'arrest fl-1 ta' Settembru, 2005, u nħeles effettivament fil-21 ta' Diċembru ta' wara. Dan ifisser li r-rikorrent dam arrestat mija u ħdax-il (111) jum. Huwa reġa' tilef il-ħelsien mill-arrest bid-degriet tat-8 ta' Mejju, 2006, u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ngħatat fis-7 ta' Lulju, 2006. Dan ifisser li r-rikorrent reġa' dam sittin (60) jum arrestat qabel ma ngħatat is-sentenza. B'kollox jirriżulta li r-rikorrent ġarrab mija u wieħed u sebgħin (171) jum ta' arrest preventiv;

"Illi ż-żmien li r-rikorrent inżamm arrestat sakemm instema' l-appell tiegħu ma jistax jitqies aktar bħala arrest preventiv għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, iżda bħala arrest taħt l-artikolu 5(1)(a)[55]. Għalhekk, ma jibqax japplika lanqas l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

"Illi meta wieħed jara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ikkundannat lir-rikorrent għal piena ta' sena, xahar u ħmistax-il jum, jirriżulta li ż-żmien li r-rikorrent dam effettivament taħt arrest preventiv kien anqas miż-żmien kollu li huwa kien ġie ikkundannat mas-sentenza li għaddiet f'ġudikat. Għall-preċiżjoni, madankollu, jingħad li wkoll kieku, per eżempju, il-Qorti tal-Appell Kriminali

---

[55] QEDB **27.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Wemhoff vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru. 2122/64), f'paġ. A-9 tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt

irrevokat u ħassret is-sentenza ta' ħabs mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, dan ma kienx ifisser tabilfors li ż-żmien li r-rikorrent kien inżamm taħt l-arrest preventiv kien se' jsir b'daqshekk biss wieħed "illegali" li jmur kontra l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni[56]

"Illi fil-**ħames ilment** tiegħu, r-rikorrent jgħid li l-"awtoritajiet ma wżawx dik l-i*special diligence* meta hemm persuna detenuta". Ir-rikorrent ma wera bl-ebda mod fejn sar in-nuqqas minnu lamentat. Lanqas ma fisser għal liema "awtorita`" qiegħed sewwasew jirreferi. La ressaq provi dwar din iċ-ċirkostanza u lanqas għamel xi sottomissjonijiet biex jissostanzjaha. Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx l-imsemmi lment mistħoqq;

"Illi dwar **is-sitt ilment tar-rikorrent**, huwa jgħid li ġarrab ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni għaliex biex talab stħarriġ dwar il-legalita` tal-arrest tiegħu, huwa kellu jdur lejn l-istess Qorti li kienet imponietlu l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li għalih kienu qawwijin iżżejjed, u li dan mhuwiex ir-rimedju li għalih jaġseb l-imsemmi artikolu;

Illi l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jgħid li "*Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew b'detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi*.";

"Ili jidher li r-rikorrent qiegħed iqis li ladarba l-proċedura maħsuba fl-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali ma teskludix il-possibilita`li l-Qorti li quddiemha jitressaq rikors b'talba għar-reviżjoni tal-legalita`tal-arrest tkun l-istess Qorti li tkun tat l-ordni tal-arrest, b'daqshekk iseħħ ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni;

"Ili l-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-ilment, kif formulat, huwa wieħed li jwassal għall-konklużjoni li jippretendi r-rikorrent. Fl-ewwel lok, l-imsemmi artikolu 412B bl-ebda mod ma jordna li rikors bħal dak irid tabilfors jitressaq quddiem l-

[56] Kumm. EDB **14.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Krzycki vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru. 7629/76)

istess Qorti li tkun ordnat l-arrest[57]. Fit-tieni lok, it-talba għal reviżjoni ta' legalita`ta' arrest għandha minn talba li tista' ssir lil kull Qorti meta tintalab tibdel *contrario imperio* xi provvediment li tkun tat qabel. Rikorsi bħal dawn jitressqu dejjem quddiem l-istess Qorti li tkun tat il-provvediment li tiegħu tintalab ir-reviżjoni jew saħansitra t-tħassir: ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jressaq talba bħal din quddiem Qorti li ma tkunx dik li tat tali provvediment;

"Illi, madankollu, l-ilment tar-rikorrent ifalli għaliex l-artikolu 5(4) ma jgħoddx għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-arrest li ġarrab hu u dan għaliex l-arrest tar-rikorrent kien ordnat mill-Qorti li quddiemha tressaq. Kemm hu hekk, huwa stabilit li "*The theory underlying Article 5(4) is that a judicial remedy should be available to review the legality of an administrative act of detention. If, therefore, the initial decision to detain is taken by a 'court', Article 5(4) becomes redundant; the required supervision is 'incorporated in the decision' of the court that ordered the detention*"[58]. Din hija fehma li toħroġ ċara wkoll minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem meta ġiet biex tfisser u tapplika din id-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni[59] u li turi li dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn iż-żamma jew l-arrest ikunu ordnati matul is-smigħ ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna;

"Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' lanqas dan l-ilment tar-rikorrent;

"Illi **s-seba' lment** tar-rikorrent jirreferi għal dewmien mhux mistħoqq fil-kawża tiegħu sa ma nqatgħet. Dan huwa lment imsejjes fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li jagħti dritt li kull min ikun (fost l-oħrajn) mixli bit-twettiq ta' reat kriminali li jkollu smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali

[57] Dan jidher b'mod partikolari fl-artikolu 412B(3) fejn rikors bħal dak irid jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali dment li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.
[58] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 151
[59] Ara, per eżempju, QEDB **18.6.1971** fil-kawża ***DeWilde, Ooms & Versyp vs Belġju*** (Applik. Nru. 2832/66, 2835/66, 2899/66) par. 76

mwaqqaf b'liġi. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jillimita l-ilment tiegħu għall-kwestjoni tad-dewmien;

"Illi, kif joħroġ mill-fatti fuq imsemmija, r-rikorrent tressaq il-Qorti b'arrest fl-1 ta' Settembru, 2005. Il-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza fis-7 ta' Lulju, 2006. Matul iż-żmien li kienet qegħda tinstema' l-kawża, tqanqlu bosta episodji dwar il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li l-Qorti kienet imponiet fuq ir-rikorrent u każ ieħor fejn l-istess rikorrent reġa' tressaq biex iwieġeb għall-akkuża li kien kiser dawk il-kundizzjonijiet. Matul dak iż-żmien, anzi sa kważi tliet xhur minn mindu kien tressaq l-ewwel darba taħt arrest, il-Qorti kienet semgħet ix-xhieda ta' bosta persuni u wkoll is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur u tal-avukat tal-parti ċivili u tal-Prosekuzzjoni. Jirriżulta wkoll li s-seduti kienu qegħdin jinżammu regolarment. Jidher li l-aktar żmien ittieħed f'udjenzi biex jinstemgħu in-numru ta' rikorsi li ressaq ir-rikorrent dwar il-kundizzjonijiet tal-liberta` provviżorja u l-każ tat-tqanqil min-naħa tiegħu tal-kwestjoni kostituzzjonali. Meta tqajmu dawn l-episodji, il-Qorti tal-Maġistrati kienet tieqaf milli tkompli tisma' x-xhieda sakemm tagħti l-provvedimenti meħtieġa;

"Illi r-rikorrent ma jilmintax b'mod speċifiku għal-liema parti mill-proċedura, skond hu, twalet aktar minn kemm kien raġonevoli, iżda jidher li jillimita l-ilment tiegħu għall-proċedimenti fl-ewwel istanza, għaliex, dwar il-proċeduri fi stadju tal-appell, jgħid li saħansitra l-imħallef li kien qiegħed jippresjiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali kien ġab il-kawża 'l quddiem biex jagħti s-sentenza tiegħu qabel id-data li l-appell kien oriġinarjament imħolli għaliha;

"Illi meta l-Qorti qieset il-mixja tal-kawża tar-rikorrent u rat li kien hemm bosta episodji "marġinali" għall-akkuża minnha nfisha li ħadu ħin mhux traskurabbli tal-Qorti tal-Maġistrati, u meta qabblet dak li ġara ma' dak li jrid l-artikolu 6(1), issib li ma jistax jingħad li l-proċeduri twalu aktar minn kemm kien raġonevoli jew li l-każ ma kienx jistħoqqlu l-attenzjoni li fil-fatt ingħata. Il-Qorti, f'dan ir-rigward, tagħmel tagħha l-argumenti mressqin mill-intimat fir-Risposta tiegħu dwar dan l-ilment, għaliex jiġbru sewwa

l-pożizzjoni korretta u l-applikazzjoni tal-prinċipji li jirregolaw l-imsemmi artikolu;”

**7.** Ta’ min josserva, kif del resto gie osservat anke fis-sentenza appena riprodotta, li quddiem il-Prim Awla r-rikorrent, ghalkemm fl-udjenza tat-18 ta’ April 2007 iddikjara li “l-unici provi li ghandu huma l-atti processwali u l-atti li jirrizultaw minnu”, fl-udjenza ta’ wara – cioe` dik tal-10 ta’ Mejju 2007 – huwa ezibixxa permezz ta’ nota partijiet biss minn dawn l-atti (ara fol. 40 *et seq.*). F’din l-udjenza ta’ l-10 ta’ Mejju 2007 hemm registrat is-segwenti verbal: *“Dr. Joe Brincat qed iressaq b’nota kopja ta’ whud mill-atti illi ghalihom jaghmel referenza r-rikorrent fil-kawza tieghu. Pero` jirrizerva li minhabba xi disgwid iressaq atti ohrajn li huma relevanti.”* U l-Qorti kompliet tghid *“Ghalhekk sakemm l-atti jkunu shah ma huwiex rakkomandat li ssir it-trattazzjoni llum.”* Dik il-Qorti, pero`, tat il-fakolta` lir-rikorrent biex sa l-udjenza li kien imiss (tas-6 ta’ Gunju 2007) jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet bil-visto ta’ l-avukat tal-kontro-parti. Sas-6 ta’ Gunju 2007, pero`, la kienet giet prezentata n-nota ta’ sottomissjonijiet u anqas id-dokumenti li r-rikorrent kien ghad fadallu. In fatti fil-verbal ta’ din l-udjenza nsibu hekk: *“F’dan il-hin dahal fl-awla Dr. Joseph Brincat ghar-rikorrent. Il-Qorti hija infurmata illi r-rikorrent fadallu aktar dokumenti xi jressaq kif imsemmi fil-verbal tat-18 ta’ Mejju 2007 u qeghda tintalab illi r-rikorrent jinghata aktar zmien biex iressaq in-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu.”* Fil-fatt nota ta’ sottomissjonijiet qasira giet prezentata fil-25 ta’ Lulju 2007 (ara fol. 93 tal-process) u hemm nota responsiva ta’ l-Avukat Generali (fol. 94-95), izda d-dokumenti addizzjonali li kellhom jingiebu baqghu ma waslux. Minkejja dan, huwa evidenti li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-process penali kollu – jew kopja tieghu – kif jirrizulta min-nota in kalce nru 7 fejn hemm referenza ghal “Pagna 144 tal-Att tal-Akkuza”, b’rimarka, fit-test tas-sentenza, ghall-ftit ta’ konfuzjoni li hemm fl-indirizz fejn kellu jirrisjedi r-rikorrent (u cioe` jekk il-fond kellux in-numru 27 – kif hemm a fol. 144 – jew in-numru 7 – kif hemm a fol. 145 u fin-nota tad-Deputat Registratur inserita bejn dawn iz-zewg folji). Huwa evidenti wkoll li fejn l-ewwel Qorti – cioe` l-Prim Awla – rriferiet ghall-“Pagna

144 tal-Att tal-Akkuza" ir-referenza kellha tkun "Pagna 144 tal-process penali". Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2008 ordnat li jkollha a disposizzjoni taghha l-process penali kollu relevanti, mill-prezentata fl-1 ta' Settembru 2005, sas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-16 ta' Novembru 2006.

**Appell**

**8.** James Demanuele appella mis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2007. Huwa ghandu sitt aggravji li ser jigu trattati *seriatim*. Tajjeb li jinghad, pero` mill-ewwel, li din il-kawza kostituzzjonali tiddependi hafna fuq dak li sehh jew ma sehhx quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri kontra l-istess appellant Demanuele. L-ewwel Qorti – cioe` l-Prim Awla – fis-sentenza appellata ghamlet riassunt bazikament korrett tal-fatti u s-sekwenza taghhom kif avveraw ruhhom quddiem il-Qorti Inferjuri, u accennat ukoll ghall-kumplikazzjonijiet li nholqu fil-kors ta' dawk il-proceduri penali minhabba d-diversi rikorsi – rikorsi sia tal-imputat kif ukoll dawk tal-Pulizija ghar-riarrest ta' l-istess imputat – li gew prezentati fil-kors ta' dawk il-proceduri. Din il-Qorti, li wkoll ezaminat l-atti tal-proceduri penali *de quo*, hi tal-fehma li hafna hin prezzjuz tal-Qorti tal-Magistrati kellu neccessarjament jigi dedikat ghal kwistjonijiet li gew prezentati quddiemha b'mod xejn ordnat mill-imputat, u kwazi bis-sulluzzu, kif din il-Qorti ser jigi accennat fil-kuntest tat-tieni aggravju.

**L-ewwel aggravju**

**9.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda dak li qalet l-ewwel Qorti dwar il-kundizzjoni, fid-digriet li bih huwa nghata l-helsien mill-arrest, li huwa kellu jibqa' jirrisjedi d-dar – l-hekk imsejjah "house arrest". L-appellant jilmenta f'dawn it-termini: *"L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li fil-kaz ta' Malta l-house arrest huwa prattika u mhux imsejjes fuq ligi, u ghalhekk ma kinitx tapplika l-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Ewropea. Fis-sentenzi Nikolova u Pekov il-Qorti Ewropea qalet li house arrest huwa 'another form of deprivation of liberty' u ghalhekk jaqa' taht l-artikolu*

*5(1). Il-Qorti Ewropea wkoll diversi drabi qalet li hija tmur ghas-sustanza u mhux ghall-apparenzi. Issejhilhiex kundizzjoni tal-bail jew house arrest, l-effett taghha huwa privazzjoni tal-liberta`. Ghalhekk l-esponenti baqa' pprivat mil-liberta` ghaz-zmien kollu tal-proceduri."*

**10.** F'dana l-istadju tajjeb li jsiru certi precisazzjonijiet. Fir-rikors promotorju tieghu quddiem il-Prim Awla, ma allegax ksur ta' l-Artikolu 5(1) izda tal-Artikolu 5(3): *"Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."* (sottolinear ta' din il-Qorti). L-appellant mhux jilmenta li huwa ma ngabx minnufih quddiem imhallef jew awtorita` gudizzjarja ohra; huwa qed jilmenta li ma kellux proceduri fi zmien ragjonevoli w anqas kellu helsien waqt pendenza ta' proceduri.

**11.** Kif inhu risaput, il-parti hawn aktar 'l fuq sottolineata tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ma timplikax ghazla ghall-Istat – jew proceduri fi zmien ragjonevoli jew helsien waqt il-pendenza tal-proceduri. Kif jispjegaw abbilment l-awturi Jacobs u White[60]:

"The drafting of this provision is ambiguous. Read together with Article 5(1) it appears to permit the detention on remand of any person reasonably suspected of having committed an offence – that is, any person likely to stand trial – as long as the trial takes place within a reasonable time, a right in any case guaranteed by Article 6(1). Such an interpretation would, however, be at odds with the purpose of Article 5 which is, broadly, to limit detention to those circumstances where it is strictly necessary in the public interest and to provide guarantees to detainees against arbitrariness. Moreover it would mean that the

---

[60] **The European Convention on Human Rights** OUP ($4^{th}$ ed., 2006), ed. Ovey Clare & White C.A.

Convention allowed for pre-trial detention in many more cases than most national European legal systems, where it is usually necessary to show some ground such as risk of absconding or tampering with evidence before it is possible to lock up a person who, although accused of an offence, is innocent until proved guilty.

“The Court has therefore rejected this reading and, in a clear example of the purposive interpretative approach, has held in a series of judgments that not only the intial arrest, but also the continuing *detention* must be justified, as long as it lasts, by adequate grounds; and that, independently of those grounds, its *duration* must also not exceed a reasonable time.

“The standard paragraphs setting out the Court’s approach which appear in almost every judgment concerned with this part of Article 5(3) provide:

**“Whether a period of pre-trial detention can be considered ‘reasonable’ must be assessed in each case according to its special features…**

**“Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty. It falls in the first place to the national judicial authorities to examine all the circumstances arguing for or against the existence of such a requirement and to set them out in their decisions on the applications for release. It is essentially on the basis of the reasons given in these decisions and of the facts stated by the applicant in his appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5(3).**

**“The persistence of reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence is a condition *sine qua non* for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it**

**no longer suffices: the Court must then establish whether the other grounds given by the judicial authorities continued to justify the deprivation of liberty. Where such grounds were 'relevant' and 'sufficient', the Court must also ascertain whether the competent national authorities displayed 'special diligence' in the conduct of the proceedings. The complexity and special characteristics of the investigation are factors to be considered in this respect."** [61]

"Thus, as far as the need for pre-trial detention is concerned, it can be seen that the Court understands its role essentially as one of reviewing whether the reasons given by the national courts for refusing release are adequate and sufficient. In each case, the national courts must assess the need for detention with reference to the particular facts…

"The Court has never elaborated an exhaustive list of grounds which could justify pre-trial detention; each case is to be judged on its own particular merits." [62]

**12.** Dan kollu qed jinghad ghax, kif jirrizulta mill-paragrafu nru **3** ta' din is-sentenza, l-ewwel talba ta' l-appellant fir-rikors promotorju tieghu tas-16 ta' Marzu 2007 kienet li jigi dikjarat li *"…l-house arrest li tahtu tqieghed l-esponenti kien arrest u privazzjoni tal-liberta` skond l-artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea."* Issa, proprjament la l-Prim Awla u lanqas din il-Qorti ma jistghu jigu msejha biex jiddikjaraw semplicement jekk il-"house arrest" li tahtu tqieghed l-appellant mill-Qorti tal-Magistrati kienx arrest jew detenzjoni ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 5(3). Dak li dawn il-qrati jistghu jigu msejha jiddikjaraw huwa jekk <u>kienx hemm lezjoni</u> ta' l-imsemmi Artikolu 5(3) billi (u dejjem limitatament ghal dik il-parti ta' din id-disposizzjoni in ezami) jew (i) ir-rikorrent appellant inzamm arrestat jew detenut minghajr raguni valida jew, (ii) meta kien hemm

[61] **Scott v. Spain** 18/12/1996, para. 74.
[62] Pagni 134, 135.

raguni valida ghal dak l-arrest jew ghal dik id-detenzjoni, dak l-arrest jew detenzjoni ecceda z-zmien ragjonevoli. Fi kliem iehor, is-semplici dikjarazzjoni li f'dan il-kaz il-kundizzjoni tal-"bail" kienet tammonta ghal arrest jew detenzjoni (jew privazzjoni tal-liberta`, kif isejhilha l-appellant) fis-sens u ghall-finijiet tal-Art. 5(3) hija rrelevanti ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna; dak li hu, invece, relevanti, huwa jekk kienx hemm arrest jew detenzjoni bi ksur tal-imsemmi Art. 5(3) fis-sens kif hawn aktar 'l fuq imfisser.

**13.** Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-"house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" fis-sistema taghna hija r-rizultat ta' prattika li ssib l-origini taghha fl-estensjoni tal-*curfew*. In fatti, kien gie dejjem accettat li, bhala wahda mid-diversi kundizzjonijiet li jistghu jigu imposti biex ikomplu jiggarantixxu li ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, kien hemm dik tal-limitazzjoni tal-hrug wara certu hin (maghrufa wkoll bhala kundizzjoni tar-rinkazar) jew dik li persuna ma tersaqx lejn certu post jew postijiet (ez fejn ikun jirrisjedi l-allegat vittma jew xi xhud partikolari). Jidher li maz-zmien il-Qrati tal-Magistrati gew perswazi mid-difensuri ta' nies li jkunu akkuzati b'reati, specjalment b'reati ta' certa gravita`, biex filwaqt li effettivament johorgu lill-akkuzat jew imputat mill-habs, fl-istess hin, pero`, izommuh "arrestat id-dar", jigifieri ma jkunx jista' johrog hlief – normalment – biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici. Jidher li din bdiet tigi kunsidrata bhala soluzzjoni "konvenjenti" ghall-kulhadd – l-imputat imur id-dar u ma jibqax il-Habs, u l-Qorti "mohhha mistrieh" li mhux ser tigi inundata b'rikors wiehed wara l-iehor ghall-"bail". Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li tali prassi, li kif osservat l-ewwel Qorti, hija *praeter legem*, hija wahda perikoluza, u, bid-dovut rigward ghall-qrati kollha li sa issa applikawha, ftit li xejn taghmel sens. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hsieb kollu wara l-hekk imsejjah "house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" huwa zbaljat, ghax jew hemm, b'mod reali u konkret, wiehed jew aktar mill-perikoli ravvizati fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1), u allura l-helsien mill-arrest m'ghandux jinghata,

jew ma hemmx, u allura l-imputat jew akkuzat ghandu jinheles mill-arrest taht garanzija u b'dawk il-kundizzjonijiet l-ohra li, kif inghad, ikomplu jiggarantixxu b'mod ragjonevoli li ma tavverax ruhha xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi. Il-*house arrest*, pero`, ma jista' qatt jaghti l-garanziji li jaghti l-arrest preventiv proprju, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-perikolu fondat ta' inkwinament tal-provi.

**14.** Fil-kaz in dizamina, meta l-Qorti tal-Magistrati, bid-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2005, laqghet it-talba ghall-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni (ara l-kundizzjoni 6A fid-dokument a fol. 144 tal-attijiet ta' dik il-kawza), fost ohrajn, "li jibqa' taht house arrest fil-fond nru 27, Redentur, Triq George Caruana, Tarxien", hija kienet effettivament qed tirrestringi l-liberta` ta' moviment tal-appellant Demanuele b'tali mod li huwa effettivament baqa' arrestat. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn f'dan il-kaz toqghod taghmel distinzjonijiet bejn il-ligi taghna u dik ta' pajjizi barranin bhall-Italja u l-Bulgarija (pajjizi li ghalihom saret referenza permezz tas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg ezibiti mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti) fejn l-arrest domiciljari huwa regolat bil-ligi. Fil-kaz taghna, dan mhux regolat bil-ligi u huwa semplicement "kundizzjoni" tal-"bail". Pero`, kif tajjeb josserva l-appellant, ghalkemm semplici kondizzjoni tal-"bail", <u>jibqa' xorta wahda forma ta' arrest</u> b'tali mod li jrid ikun gustifikat daqs li kieku l-persuna in kwistjoni ghadha qed tinzamm il-Habs ta' Kordin jew f'xi post iehor dezinjat bhala "habs" skond il-ligi.

**15.** Isegwi minn dan, li dak li din il-Qorti trid, allura, tezamina huwa jekk, sakemm l-appellant dam hekk "arrestat" (id-dar tieghu), tali arrest kienx gustifikat ghall-finijiet tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Ghall-fini ta' dan l-ezami huma relevanti mhux biss certi dati, izda wkoll ir-ragunijiet li tat il-Qorti tal-Magistrati kull meta hija ppronunzjat ruhha b'xi mod dwar il-helsien mill-arrest jew dwar tibdil fil-kundizzjonijiet tal-"bail". Id-dati relevanti huma:

- **1 ta’ Settembru 2005** meta l-appellant tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat bi (i) hsara volontarja fi proprjeta` ta’ Elena Maria Felice, Carmelo Felice u Joseph Felice, (ii) li hedded bil-mewt lil Elena Maria Felice, (ii) bi ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u (iii) li huwa recidiv;
- **9 ta’ Settembru 2005** meta l-Qorti tal-Magistrati tat id-digriet taghha li bih akkordat il-helsien mill-arrest (mill-habs) lill-imputat bil-kundizzjonijiet, fost ohrajn, ta’ “house arrest”, depozitu ta’ Lm10,000 u garanzija personali ta’ Lm10,000 ohra;
- **9 ta’ Novembru 2005** meta zdiedu l-akkuzi (iv) ta’ attakk u resistenza bi vjolenza kontra ufficjali pubblici u li heddidhom bil-mewt, (v) li saq vettura minghajr kopertura tal-assigurazzjoni, u (vi) li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;
- **19 ta’ Dicembru 2005** meta b’digriet ta’ dik il-gurnata l-Qorti tal-Magistrati “wara li semghet ix-xiehda tad-29 ta’ Novembru 2005” irriduciet id-depozitu ghal Lm250 waqt li ziedet il-garanzija personali ghal Lm20,000;
- **21 ta’ Dicembru 2005** meta James Demanuele ddepozita l-Lm250 u ffirma ghall-garanzija personali ta’ Lm20,000 u allura mar id-dar taht “house arrest”;
- **8 ta’ Mejju 2006** [63] meta l-Qorti tal-Magistrati irrevokat il-“bail” u ordnat li Demanuele jerga’ jittiehed fil-habs ta’ Kordin.

**16.** Minn ezami ta’ l-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati – kawza li eventwalment spiccat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u giet finalment hemm determinata b’decizjoni moghtija fis-16 ta’ Novembru 2006 – huwa evidenti li l-opposizzjoni ghall-helsien mill-arrest tal-prosekuzzjoni kif ukoll il-preokkupazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet ticcentra dwar il-perikolu li l-imputat (appellant odjern Demanule) jikkommetti reati iehor specifikatament kontra l-persuna ta’ Elena Maria Felice. Ezami tal-fedina penali ta’ l-allura imputat, ezibita fl-1 ta’ Settembru 2005, turi bic-car mhux biss persuna li ghandha karattru refrattarju ghall-ahhar izda anke karattru

[63] Erroneament indikat a fol. 250 bhala li nghata fil-5 ta’ Mejju; pero` ara l-*prison ticket* a fol. 254 li jindika d-data korretta bhala 8 ta’ Mejju 2006.

vjolenti. Fost il-hmistax-il kundanna li hemm registrati hemm kundanni ghal tentattivi ta’ serq kwalifikat u hsara volontarja (9/8/93), diversi serqiet, xi whud minnhom kwalifikati bil-vjolenza (29/7/94), offizi fuq il-persuna (1/10/97), hsara volontarja u attakk u resistenza kontra ufficjali pubblici (27/11/97), truffa (9/4/99), sewqan ta’ karozza taht l-influwenza tax-xorb jew droga (24/6/99) u stupru u korruzzjoni ta’ minorenni (2/10/00). L-aktar sinjifikanti, pero`, hija l-kundanna tal-10 ta’ Novembru 2004 fejn l-appellant gie kkundannat erbatax-il xahar prigunerija ghal offizi fuq il-persuna ta’ fost ohrajn, Elena Maria Felice. Il-kawza li bdiet fl-1 ta’ Settembru 2005 kienet precipitata, kif jidher mid-deposizzjoni tal-Ispettur Agius u ta’ Elena Maria Felice moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta’ Settembru 2005, mill-fatt li (“allegatament” sa dak iz-zmien) dan ried jivvendika ruhu mill-istess Elena Maria Felice. Kien hemm fi kliem iehor, perikolu serju ta’ ripetizzjoni ta’ reat specifiku fil-konfront ta’ din Felice.

**17.** Issa, hu risaput li wahda mir-ragunijiet ghala l-helsien mill-arrest provvizorju jista’ jigi michud lill-imputat jew akkuzat hija dik tal-perikolu li dan jikkommetti reati ohra. Kif jispjegaw Harris, O’Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** [64]

“More generally, the Court’s judgment [in Maznetter v. Austria], which has been followed in later cases, suggests that the public interest in the prevention of crime may justify detention on remand where there are good reasons to believe that the accused if released will commit an offence or offences of the same serious kind with which he is already charged. It is not necessary that there be a reasonable suspicion that any particular, identifiable offence will be committed.” [65]

**18.** Fl-istess vena, Ben Emmerson u Andrew Ashworth[66] ighidu hekk:

---

[64] Butterworths (London) 1995.
[65] P. 141.
[66] **Human Rights and Criminal Justice** Sweet & Maxwell (London) 2001.

“The public interest in the prevention of crime may justify detention on remand where there are good reasons to believe that the accused, if released, would be likely to commit further offences. However the danger must be ‘a plausible one’ and the appropriateness of a remand in custody on this ground must be considered ‘in the light of the circumstances of the case and, in particular, the past history and the personality of the person concerned’. A risk of further offences cannot be automatically assumed from the fact that the accused has a criminal record. The court should consider whether any previous convictions are ‘comparable, either in nature or in the degree of seriousness to the charges preferred against [the accused]’. The Court has also emphasised that the risk of trivial offences is insufficient.” [67]

**19.** Minn dak li jirrizulta mill-atti tal-kawza li kellha quddiemha l-Qorti tal-Magistrati (Malta), din il-Qorti hi sodisfatta li dik il-Qorti kienet pjenament gustifikata li ma tikkoncedix il-helsien mill-arrest lill-imputat li kellha quddiemha ghax kien hemm perikolu serju li huwa jipprova jpattiha lil Elena Maria Felice, possibilment anke billi joqtolha. F’dawn il-kazijiet, cioe` fejn hemm il-hajja ta’ terzi fin-nofs, Qorti m’ghandhiex tiehu riskji. Jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati qieset sew u akkuratament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-perikoli involuti u anke l-personalita` tal-imputat li kellha quddiemha meta tat id-digriet taghha tad-9 ta’ Settembru 2005 li bih imponiet il-“house arrest” u garanzija f’depozitu u garanzija personali. Fid-digriet taghha tas-16 ta’ Novembru 2005, li permezz tieghu cahdet talba ghar-riduzzjoni tas-somma ta’ Lm10,000, dik il-Qorti qalet espressament hekk: *“Fid-dawl tac-cirkostanzi kif ukoll ta’ l-antecedenti ta’ l-imputat, il-Qorti jidhrilha neccessarju li jkun hemm somma xierqa depozitata u dana ai termini ta’ l-Artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”* Fid-digriet taghha tat-18 ta’ Novembru 2005 (ara fol. 126 tal-atti tal-kawza penali), dik il-Qorti regghet irriferiet ghall-*“antecedenti tal-imputat ma’ l-istess allegat[a] kwerelanti…”*. Imbaghad, fid-digriet tad-29 ta’ Novembru 2005, dik il-Qorti dahlet f’hafna aktar

[67] Pp. 318-319, para. 13-10.

dettal. Wara li rriassumiet l-*iter* tad-diversi talbiet u digrieti, hija kompliet hekk:

"Illi din il-Qorti zammet ferm fuq il-kondizzjoni ta' depozitu in vista tal-fedina penali ta' l-imputat u l-biza' reali u attwali ta' ripetizzjoni ta' reat simili u sabiex dan id-depozitu jkun ta' deterrent reali u dana wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-konsiderazzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 575 (a) sa (e) tal-Kap. 9;

"Illi fil-kaz in ezami l-imputat hu akkuzat ta' hsara volontarja fuq karozza ta' Elena Maria Felice, akkuzat ta' theddid fuq l-istess Elena Maria Felice kif ukoll hsara fuq il-bieb tar-residenza tal-genituri taghha, apparti ta' recidiva;

"Illi l-imputat inghata tlett snin habs fis-sena 2000 fuq akkuza ta' stupru ta' minorenni u erbatax-il xahar habs fuq feriti gravi[68] bi strument bil-ponta li jniggez u jaqta' fuq l-istess Elena Maria Felice, apparti sentenzi ohra ta' *conditional discharge* u *suspended sentences* fuq fedina penali li tlahhaq mat-tlettax-il faccata…

"Illi kien in vista ta' dawn l-antecedenti gravi illi din il-Qorti ghamlet sforz kbir sabiex tilhaq bilanc gust bejn l-esigenzi ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja u s-socjeta` min-naha wahda u dawk tal-imputat min-naha l-ohra…"

**20.** Fi kliem iehor, anke li kieku wiehed kellu jipparifika l-"house arrest" ma' l-arrest jew detenzjoni li ghalihom hemm referenza implicita fl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet, kif diga` inghad, pjenament

[68] L-akkuza originali kienet ta' offiza gravi, pero` hu fil-fatt gie misjub hati ta' offiza hafifa, ankorke` b'sikkina. Kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-10 ta' Novembru 2004, fol. 64 *et seq.* tal-atti tal-kawza penali: *"…huwa ovvju li t-tefonati ripetuti li l-appellant kien qieghed jaghmel lil Helena Felice fil-gurnata in kwistjoni kellhom l-effett li jirrabjaw lill-appellant tant li qabad sikkina u nizel Wied il-Ghajn. Hemm, wara li ghal darb'ohra qal li ried jara lit-tifla u ghal darb'ohra Helena Felice irrifjutat, qabad jaghti lil Helena bis-sikkina. Jigifieri hawn ghandna sitwazzjoni fejn l-appellant kien diga` wera element ta' premeditazzjoni u li huwa difficilment rikonciljabbli ma' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantanja, aktar u aktar meta l-appellant stess ighid li sakemm wasal Wied il-Ghajn kien ghaddielu, kien ikkalma. Jekk verament kien ikkalma ma setax jintilef b'tali mod li ma kienx kapaci jirrealizza l-konsegwenzi ta' ghemilu. U min ikun verament irid jirrikoncilja ruhu ma' persuna li suppost ihobb ma jmurx armat u jaggrediha bil-mod kif l-appellant aggredixxa lil Helena Felice."*

gustifikata milli tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest. Il-fatt li f'dan il-kaz kien hemm, wara certu zmien, cioe` mill-21/12/05 sal-5/5/06 "house arrest" flok arrest preventiv shih u proprju ma jgibx, ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, lezjoni ta' l-imsemmi Artikolu 5(3). Kemm il-Qorti tal-Magistrati kienet gustifikata li timponi dawk il-kundizzjonijiet iebsin – u kienet tkun ukoll gustifikata li kieku zammet lill-appellant odjern taht arrest preventiv fil-habs ta' Kordin ghall-perjodu kollu in kwistjoni, jemergi mid-digriet tal-5 ta' Mejju 2006 (ara fol. 250 tal-atti tal-kawza penali) fejn il-Qorti tal-Magistrati, wara li elenkat id-diversi ksur tal-kundizzjonijiet tal-"bail", qalet hekk:

"Illi din il-Qorti rinfaccjata bi ksur ripetut u lampanti tal-kundizzjonijiet illi hija imponiet fuq l-imputat, u cioe` house arrest strettissimu permezz tad-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2005, kif varjat bid-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2006, ma tarax kif tista' taghti aktar affidabilita` lill-imputat illi sejjer joqghod ghal kwalunkwe kundizzjoni illi din il-Qorti jidhrilha ghaqli taht ic-cirkostanzi li timponi. Illi din il-Qorti, wara li semghet l-iskuza pwerili tal-imputat sabiex jipprova jinheba wara subghajh wara li nqabad in flagrante barra minn daru, ma tista' bl-ebda mod temmen il-pretiza tal-imputat. Bl-istess manjera, l-imputat ma jistax jipprezenta certifikat tal-11 ta' Marzu bhala prova li hassu hazin fil-21 ta' Frar 2006. Il-kundizzjonijiet u l-manjiera tal-ksur tal-istess kundizzjonijiet ma humiex lieti [recte: lievi] u ghaldaqstant din il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9…tqis illi l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti bid-digriet tal-liberta` provvisorja…tordna r-riarrest immedjat tieghu, waqt li tirrizerva li tipprovdi ulterjorment dwar il-kwistjoni ta' referenza mqanqla mill-imputat."

**21.** Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**22.** It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati, meta imponiet depozitu ta' Lm10,000 kienet qed timponi

ammont eccessiv. Hawnhekk l-appellant kjarament qed jalludi ghall-gurisprudenza kemm tal-Qorti ta' Strasbourg kif ukoll ghal dik ta' din il-Qorti li l-ammont tal-garanzija ghandu jkun relatat kemm ma' l-iskop li ghalih jigi impost kif ukoll mal-mezzi tal-imputat jew akkuzat li jkun. Fi kliem Karen Reid – **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**[69] – *"The level of bail set should not be set too high and should not be aimed at reparation of loss but to ensure the presence of the accused."*[70] Jacobs u White, aktar 'l fuq kwotati, jkomplu jelaboraw: *"…the amount of the sureties must not be excessive, and must be fixed by reference to the purpose for which they are imposed, namely to ensure that this particular defendant appears for trial. The sum must never be set exclusively by reference to the seriousness of the charge without considering the accused's financial circumstances."* [71] U Emerson u Ashworth ikomplu jipprecizaw:

"Where a financial condition is imposed the figure must be assessed by refernce not to the financial loss occasioned by the alleged offence but by reference to the means of the accused, if it is a security, or of the person standing surety, and of the relationship between the two. If the accused refuses to furnish the necessary information to enable an assesment to be made of his assets, it is permissible to establish a bail figure based on hypothetical assets." [72]

**23.** Issa fil-kaz in dizamina huwa minnu li ghall-bidu l-Qorti tal-Magistrati ffissat somma f'forma ta' depozitu ta' Lm10,000. Kien, pero`, biss fl-udejnza tad-9 ta' Novembru 2005 li l-imputat – appellant odjern – ghamel il-prova, permezz tad-deposizzjoni tieghu, dwar il-mezzi tieghu. Huwa kellu mhux biss l-opportunita` li jaghmel din il-prova fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2005 – haga li ma ghamilhiex – izda mad-diversi rikorsi li huwa pprezenta[73],

[69] Sweet & Maxwell (London) 2004.
[70] P. 424, para. IIB-304.
[71] *Op. cit.* p. 136.
[72] *Op. cit.* p. 325, para. 13-21.
[73] Fid-19 ta' Settembru 2005 u 4 ta' Novembru 2005.

flok ma semplicement kiteb kelmtejn u pprezenta r-rikors fir-registru, l-imputat seta' ipprezenta affidavit (u dokumenti in sostenn, jekk ikun il-kaz) biex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li huwa ma kellux il-mezzi biex jiddepozita dik is-somma. Anqas ma jidher li l-appellant ipprova jsib terz li joqghodlu garanti (u allura minghajr ma jkun hemm il-htiega ta' depozitu la mill-imputat u lanqas mit-terz – il-garanti jintrabat biss bil-miktub ghas-somma stabbilita – Artikolu 577(1), Kap. 9) biex b'hekk jindikah fir-rikors li huwa pprezenta fil-11 ta' Novembru 2005 u li bih gibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Magistrati ghall-possibilita` ta' malintiz dwar jekk ir-referenza ghat-"terz idoneu" fid-digriet tad-9 ta' Novembru 2005 kinitx tfisser li "terz idoneu" kellu jiddepozita jew inkella li dan kellu jintrabat bil-mod kif jinghad fl-Artikolu 577(1), *supra*. Pero`, apparti dan kollu, galadarba din il-Qorti diga` ddecidiet li c-cirkostanzi kienu tali li l-Qorti tal-Magistrati kienet tkun gustifikata li tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest tal-imputat, il-kwistjoni tal-ammont tad-depozitu f'dana l-istadju hija purament kwistjoni akkademika. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

**It-tielet, ir-raba' u s-sitt aggravju**

**24.** Dawn l-aggravji jistghu jigu kkunsidrati flimkien. L-appellant jilmenta mit-tul tal-proceduri ghax, skond hu, huwa nzamm taht "arrest" mid-data li fiha huwa tressaq quddiem il-Qorti fl-1 ta' Settembru 2005 sad-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-16 ta' Novembru 2006 (meta huwa gie kkundannat sena, xahar u hmistax-il jum prigunerija flok it-tmintax-il xahar li kkundannatu l-Qorti tal-Magistrati). Huwa, ghalhekk, jallega ksur kemm tal-Artikolu 5(3) (it-tielet aggravju) kif ukoll tal-Artikolu 6(1) (is-sitt aggravju) tal-Konvenzjoni. Jilmenta wkoll li l-awtoritajiet, rinfaccati bil-fatt li huwa kien "arrestat", ma wrewx dik l-i*special diligence* li huma obbligati li juru f'kazijiet simili.

**25.** Din il-Qorti diga` esprimiet ruhha fis-sens li l-arrest preventiv tal-appellant, sia jekk taht forma ta' arrest proprju fil-Habs ta' Kordin u sia jekk taht il-forma ta' "house arrest", kien perfettament gustifikat fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Dan ifisser, pero`, li l-awtoritajiet

– f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni, immexxija mill-Pulizija, u l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali – iridu jassiguraw, aktar milli fil-kaz ta’ persuna li tkun inghatat il-helsien (effettiv) mill-arrest, li l-kaz jipprocedi b’aktar speditezza. Fi kliem Jacobs:

“Just as the start and end points of the period to be considered under Article 5(3) are different from those relevant for Article 6(1), so the assessment of what length of time is ‘reasonable’ differs for the two Articles. In its *Wemhoff* judgment the Court said:

**“Article 5, which begings with the affirmation of the right of everyone to liberty and security of person, goes on to specify the situations and conditions in which derogations from this principle may be made, in particular with a view to the maintenance of public order, which requires that offences shall be punished. *It is thus mainly in the light of the fact of the detention* of the person being prosecuted that national courts, possibly followed by the Court [of Human Rights], must determine whether the time that has elapsed, for whatever reason, before judgment is passed on the accused has at some stage exceeded a reasonable time, that is to say imposed a greater sacrifice than could, in the circumstances of the case, reasonably be expected of a person presumed to be innocent.”**

“Consequently Article 5(3) requires that there must be ‘special diligence’ in bringing the case to trial if the accused is detained. A detained person is entitled to have the case given priority and concluded with particular expedition.

“The Court applies a broad two-stage approach. It will first determine whether the grounds relied upon by the national authorities were adequate, until the very end, to justify remanding the accused in custody. If the detention was justified in principle, the Court will then examine the conduct of the prosecution to ensure that the pre-trial detention was not unneccessarily prolonged. Periods of inactivity by the national authorities lasting more than a

few months are usually taken by the Court as a sign of lack of diligence, particularly if the overall duration of the detention was long." [74]

**26.** Applikati dawn il-principji, u ezaminati akkuratament l-atti tal-kawza penali, din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi nuqqas ta' special diligence da parti tal-awtoritajiet koncernati aktar 'l fuq imsemmija. Apparti l-prezentata fl-1 ta' Settembru 2005, inzammi seduti fis-segwenti dati:

**9/9/2005**
**23/9/05**
**9/11/05**
**18/11/05**
**29/11/05**
**6/12/05**
**19/12/05**
**10/1/06**
**6/2/06** – din in-seduta ma saritx minhabba indisposizzjoni tal-magistrat sedenti
**13/2/06**
**21/2/06**
**8/3/06**
**3/4/06** – f'din is-seduta, ghalkemm l-avukat tal-imputat ma deherx ghax kien jinsab "maqbud fuq xoghol iehor", xorta nstema' xhud imressaq mill-prosekuzzjoni, li wkoll iddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha.
**18/4/06**
**21/4/06**
**3/5/06**
**5/5/06**
**8/5/06** – meta gie revokat il-"bail"
**17/5/06** – ghalkemm il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat, fis-seduta tat-**3/4/06** li kienet ghalqet il-provi taghha, f'din is-seduta l-imputat ma ressaqx provi, u l-kawza giet differita ghat-30 ta' Mejju 2006 biex l-avukat difensur jitratta kwistjoni kostituzzjonali li kien precedentement qajjem f'aktar minn seduta precedenti

[74] *Op.cit.* p. 137.

**30/5/06** – f'din is-seduta ma sar xejn ghax ghalkemm deher l-imputat u l-prosekuzzjoni, kif ukoll l-avukat tal-parti civili, l-avukat difensur ta' Demanuele ma deherx
**13/5/06** – l-avukat difensur informa lill-Qorti li l-imputat kien qed jirtira t-talba ghal referenza kostituzzjonali -- anke f'din is-seduta l-imputat ma ressaqx provi
**19/6/06**
**21/6/06** – il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5/7/06
**5/7/06** – ma sar xejn ghax l-ufficjal prosekutur kien "maqbud fuq guri"
**7/7/06** – inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)
**26/10/06** – l-appell gie trattat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali
**16/11/06** – inghatat is-sentenza finali mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali

**27.** Kif jidher minn din l-iskeda, kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dan il-kaz imxew *a tamburo battente*. Hlief ghas-seduti tas-6/2/06, 30/5/05, 13/6/06 u 5/7/06 li fihom ma sar xejn jew prattikament xejn ghar-raguni hawn fuq indikata, fis-seduti l-ohra kollha dejjem jew (i) instemghu provi fil-mertu jew dwar id-diversi rikorsi mressaq kemm mill-imputat kif ukoll mill-prosekuzzjoni, jew (ii) saru trattazzjonijiet, xi whud minnhom estensivi, kemm dwar ir-rikorsi, dwar il-kwistjonijiet kostituzzjonali mqajma mill-imputat, kif ukoll fil-mertu (cioe` dwar l-akkuzi). Bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad li f'dan il-kaz, jew f'xi stadju minnhom, l-awtoritajiet ta' l-Istat ma mxewx *with special diligence*; anzi din il-Qorti tafferma li mxew bl-aktar mod efficjenti u spedit. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien hemm diversi *side issues* li l-Qorti tal-Magistrati kellha neccessarjament tezamina, tikkunsidra u tiddeciedi, u dan ha parti sostanzjali mill-hin ta' dik il-Qorti. Xorta wahda, izda, ma jistax jinghad li kien hemm xi dewmien mhux gustifikat bi ksur tal-Artikolu 5(3) jew, *multo magis*, bi ksur tal-Artikolu 6(1).

**28.** Konsegwentement dawn l-aggravji qed jigu respinti bhala infondati.

## Il-hames aggravju

**29.** F'dan l-aggravju l-appellant jinvoka l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Huwa jikkontendi li, meta pprezenta rikors skond l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali (cioe` rikors fejn allega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tieghu ma kienitx skond il-ligi), dak ir-rikors instema' mill-istess Qorti li kienet fil-fatt tat id-digriet fid-9 ta' Settembru 2005 u, dejjem skond l-appellant, "dan jikkozza mal-artikolu 5(4)". Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fuq dan il-punt fis-sentenza appellata. Huwa minnu li l-Artikolu 5(4) jirrikjedi, fost affarijiet ohra, li jkun hemm "periodic review" tal-legalita` anke ta' persuna li tkun *detained on remand* – jekk mhux ghal xi haga ohra biex wiehed jassigura li r-raguni ghad-detenzjoni – is-suspett ragjonevoli tal-kommissjoni tar-reat jew ir-ragunijiet li jkunu jimmilitaw kontra l-ghoti tal-*bail* – tkun ghadha tissussisti. Pero` dan ma jfissirx li tali revizjoni perjodika ghandha neccessarjament issir minn qorti differenti minn dik li tkun originarjament ordnat id-detenzjoni tal-imputat. In fatti fil-kaz **De Jong, Baljet and Van den Brink v. Netherlands**[75] il-Qorti ta' Strasbourg rriteniet li l-procedura preskritta skond l-Artikolu 5(3)

**"…may admittedly have a certain incidence on compliance with paragraph 4. For example, where the procedure culminates in a decision by a 'court' ordering or confirming deprivation of the person's liberty, the judicial control of lawfulness required by paragraph 4 is incorporated in the intial decision…However, the guarantee assured by paragraph 4 is of a different order from, and additional to, that provided by paragraph 3." [76]**

**30.** L-istess principju, hekk imsejjah "tal-inkorporazzjoni" gie ribadit fil-kaz **De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium** [77]:

---

[75] 22 ta' Mejju 1984
[76] Para. 25-26
[77] 18 ta' Gunju 1971

**"At first sight, the wording of Article 5(4) might make one think that it guarantees the right of the detainee always to have supervised by a court the lawfulness of a previous decision which has deprived him of his liberty. The two official texts do not however use the same terms, since the English text speaks of 'proceedings' and not of 'appeal', 'recourse' or 'remedy'…Besides it is clear that the purpose of Article 5(4) is to assure to persons who are arrested and detained the right to a judicial supervision of the lawfulness of the measure to which they are thereby subjected; the word 'court' ('tribunal') is there found in the singular and not in the plural. Where the decision depriving a person of his liberty is one taken by an administrative body, there is no doubt that Article 5(4) obliges the Contracting States to make available to the person detained a right of recourse to a court; but there is nothing to indicate that the same applies when the decision is made by a court at the close of judicial proceedings. In the latter case the supervision required by Article 5(4) is incorporated in the decision; this is so, for example, where a sentence of imprisonment is pronuonced after 'conviction by a competent court' (Article 5(1)(a) of the Convention). It may therefore be concluded that Article 5(4) is observed if the arrest or detention of a vagrant, provided for in paragraph (1)(e), is ordered by a 'court' within the meaning of paragraph (4)."** [78]

**31.** Għalhekk anke dan l-aggravju ta' l-appellant qed jiġi miċħud.

**Decide**

**32.** Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kollha mill-appellant James Demanuele.

---

[78] Para. 76

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------